**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta’ Novembru, 2017

Rikors Nru : 327/17 AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fis-sebgha (7) ta’ Novembru tas-sena elf disa’ mija u tnejn u disghin 1992 (Certifikat taz-Zwieg anness Dok. A);

Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni fl-atti tan-Nutar Joseph Abela datat 27 ta’ Frar 2013 (Kopja annessa Dok B);

Illi l-partijiet ghandhom iben, li huwa maggorenni u ghandu erbgha u ghoxrin (24) sena;

Illi ghaddew aktar minn erba' snin mid-data li fiha l-partijiet isseparaw minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata CB bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorju tal-partijiet sabiex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-Ligi, u dan taht dawk il-provedimenti li din il-Qorti jidhirilha xierqa u opportuni;

Rat in-nota tal-intimata, li permezz taghha b'referenza ghar-rikors tad-divorzju datat 11 ta' Awissu 2017 tiddikjara li qeghda tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din il-Qorti u tiddikjara li ma topponix b'dana li hija ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-procedura;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Settembru, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Frar 2013;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.